**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Josric Mifsud]**

**vs**

**Brian Pace**

**Kumpilazzjoni Numru: 1270/12**

**Illum, 13 ta' Marzu, 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Brian Pace detentur tal-karta tal-identita` numru 135593M.

Akkuzat talli nhar it-22 ta' Ottubru, 2012, gewwa l-Malta Collage of Arts, Science and Technology (MCAST), Naxxar, u/jew f'lokalitajiet ohra f'dawn il-Gzejjer, u xhur ta qabel:

a) gab ruhu b'talli mod li kien jaf jew li missu kien jaf li kien ta' fastidju lil ***Christian Zammit*** b'theddid u dan bi ksur tal-artikolu 251A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta

b) bl-imġieba tieghu ikkaġuna lil ***Christian Zammit*** biża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiehu w kontra l-persuna meta kien jaf jew imisshu kien jaf kien jaf li l-imġieba tiehu se tikkaġuna lil ***Christian Zammit*** u dan bi ksur tal-artikolu 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta

c) dejjaq, ta fastidju, jew idiehak b'***Christian Zammit*** u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(n) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta

d) talli nhar it-22 ta' Ottubru, 2012, ghal habta ta bejn il-hdax u il-hdax u nofs ta filghodui (1100hrs – 1130hrs) gewwa l-yard tal-MCAST, Naxxar, volontarjament kkaguna ferititi ta natura hafifa fuq il-persuna ta ***Christian Zammit***, billi harqu b'sigarett u dan bi ksur tal-artikoli 221(1) u 222A(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta

e) ukoll talli fl'istess data hin, lokk u cirkustanzi gewwa l-MCAST Training Centre, Naxxar, pejjep sigarette meta tipjip f'dan il-post huwa projbit. u dan bi ksur tal-Kap 315 tal-Ligijiet ta Malta

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-nota tal-Avukat Generali li biha ta l-kunsens tieghu sabiex dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Semghet ix-xiehda prodotti b'mod partikolari dawk tal-parte civile Christian Zammit kif ukoll tal-imputat stess;

Rat in-noti ta' sotomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi dawn il-proceduri jirrelataw fuq fastidju u griehi hfief mill-imputat fuq il-parte civile Christian Zammit fl-MCAST tan-Naxxar fil-perjodu tat-tnejn u ghoxrin

(22) ta' Ottubru elfejn u tnax u fix-xhur ta' qabel. Illi ta' min jghid illi Christian Zammit huwa persuna b'certa deficjenza intellettwali u ghalhekk gew inizjalati dawn il-proceduri.

Illi tul dawn il-proceduri instemghu diversi xhieda fosthom **Dr Jean Pierre Giorgio** li kien il-psikjatra kuranti tal-parte civile u fejn dan irrelata dwar is-sitwazzjoni tal-istess parte civile. Dan qal illi Christian Zammit kien ilu jafu mis-sena elfejn u hdax (2011) fejn kien gie riferut lilu wara applikazzjoni mill-genituri tieghu rigward il-pensjoni tad-dizabilita`. Huwa fil-fatt kien iccertifikah li jsofri minn *mild intellectual disability* u minn *Asperger Syndrome* li jaghmilha difficli ghalih li jikkoncentra, kif ukoll joqghod ghalih inniffsu u ma tantx jintegra. Huwa tip ta' awtismu.

Xehdet ukoll il-psikologa **Maria Grech Brincat** fejn il-parte civile kien gie riferut minn Dr. Giorgio sabiex hi taghmel xi *assessments* fuqu jew inkella psiko-terapija. Hija tghid illi Christian kienet tafu bhala tifel kwiet izda li kellu problema ta' deficjenza psikologika u ghalhekk kellu bzonn terapija.

Xehed ukoll id-Direttur tal-MCAST **John Vella** fejn xehed illi huwa kellu diversi rapporti ta' loghob goff bejn l-imputat u l-parte civile fil-perjodu ta' bejn Dicembru elfejn u tnax (2012) u Jannar elfejn u tlettax (2013). Huwa jghid illi fid-data tal-akkuza u cioe` f'Ottubru tal-elfejn u tnax (2012) jew qabel huwa ma kellux rapporti. Huwa kkonferma wkoll illi l-parte civile kif ukoll l-imputat kienu

fl-istess klassi. Huwa jirreferi li dan ic-cajt goff kien bhal cajt bl-ilma jew b'xi kolla izda ma kienx f'posizzjoni li jiftakar xejn iktar.

A rigward l-incident tas-sigarett huwa irrelata biss dak li kien qallu missier il-parte civile.

Xehed ukoll missier il-parte civile **Tonio Zammit** illi rrakonta illi dakinhar meta qabez ic-cint it-tifel tieghu l-iskola, it-tifel tieghu qallu li l-imputat kien qieghed jittantah bil-*lighter* wara li l-klassi kollha giet imkeccija ghax kien hemm l-istorbju. Christian ghalhekk qallu li ddecieda li jaqbez dan il-hajt ghaliex kien ra studenti ohra jaghmlu hekk izda dan spicca hazin ghaliex qabez u wegga'.

Huwa jghid li t-tifel tieghu huwa persuna maqtuha ghalih inniffsu. Meta kellu tliet (3) snin kien *hyperactive* u mbaghad gie djagnostikat illi huwa *slow learner*. Fil-fatt huwa jghid illi Christian issa ghandu ghoxrin (20) sena izda ghandu mohhu ta' erbatax-il (14) sena. Huwa jghid ukoll illi t-tifel tieghu minn dejjem kien jigi *bullied* minn tfal izda kien ikellem lill-iskola u minn dejjem sab koperazzjoni mill-iskola fejn dawn kienu jigu mitkellma.

Xehed ukoll il-parte civile **Christian Zammit** li qal illi huwa waqa' u wegga' ghaliex meta kien ser jaqbez mic-cint huwa tfixkel f'xi haga u waqa' hazin. Huwa jghid li ftit qabel dan l-incident kien beda jdejjqu Brian Pace fejn dan jonfohlu d-duhhan tas-sigarett go wiccu u dan wara li l-ghalliema kienet

kecciet lil klassi kollha peress li kienu qeghdin jaghmlu l-istorbju. Darb'ohra jghid li l-imputat tah daqqa ta' stikka f'okkazjoni ohra inbuttah u tah daqqa ta' sigarett wara jdejh.

Ghad-difiza xehdet il-*councellor* fl-MCAST li kienet issegwi anke lill-imputat u fejn din spjegat li l-imputat kellu xi problemi familjari privati u li kien imur ghandha sabiex jiftah qalbu. Hija tghid illi Brian kellu certu diffikultajiet, kien pjuttost nervuz izda pero` qatt ma ta' problemi li jistghu jgibuh fl-inkwiet. Hija tghid illi Brian qatt ma kien dixxiplinat mill-MCAST l-anqas fuq dawn l-allegat problemi ma' Christian Zammit. Hija taf li l-imputat kellu xi problemi b'*phobias* bhal per ezempju ghat-tonn taz-zejt fejn dan jaqbdu paniku kbir meta jigi a kuntatt ma' dan l-ikel.

Illi din tghid ukoll illi ta' sikwit Brian kien jghidilha li Christian kien imur hdejn bil-hobz bit-tonn taz-zejt u kien jaghmel hekk ripetutament anke jekk dan kien jghidlu biex ma jibqax jaghmel hekk. Din il-haga tant kienet iddejjaq lill-imputat li ddecieda minn jeddu sabiex ibiddel l-istitut.

Finalment xehed ukoll l-imputat **<u>Brian Pace</u>** li kkonferma li Christian Zammit kien ta' sikwit idejjqu bil-kwistjoni tat-tonn taz-zejt fejn dan kien jaqbdu paniku, dardir u sturdament u dakinhar tal-incident wara li tkeccew mill-klassi huwa kien bilqieghda fuq it-tarag u biex ikeccieh minn hdejh ghaliex kien rega' gie

jdejjqu, huwa laqtu bis-sigarett li kien qed ipejjep. Wara dan huwa telaq mill-ewwel lejn id-dar tieghu u ma kienx jaf x'garalu Christian.

Illi m'hemmx dubju allura illi ghalkemm il-parte civile Christian Zammit ghandu indubjament deficjenzi intellettwali, huwa wkoll car illi l-imputat kellu l-problemi tieghu. A sostenn ta' dan xehdu professjonisti li kkonfermaw il-qaghda tat-tnejn.

Illi kif hareg mill-provi senjatament mix-xiehda tal-imputat u tal-istess parte civile illi l-imputat verament kien laqtu darba wahda bis-sigarett izda dak li ma qalx Christian kien li huwa kien imur hdejn l-imputat kontinwament bil-hobz bit-tonn taz-zejt u anke dan l-atteggjament jista' jkun fastidjuz tenut kont illi l-imputat mhux biss idejjqu t-tonn taz-zejt izda ghandu fobija minnu.

Izda pero` hareg ukoll anke minn ammissjoni tal-istess imputat illi l-imputat kien qed ipejjep dakinnhar tal-incident fl-MCAST tan-Naxxar izda ma giex ippruvat mill-prosekuzzjoni illi l-MCAST huwa post miftuh ghall-persuni ta' anqas minn tmintax-il (18) sena hekk kif jistabbilixxi l-Artikolu 14 tal-Kapitolu 315.

Il-Qorti trid tirrimarka ukoll illi mix-xhieda l-ohra migjuba, hadd ma ra effettivament lill-imputat xi darba jaghmel xi haga lill-parte civile u ghalhekk il-prova tal-fastidju certament ma gietx ippruvata. Ulterjorment ma gewx

imharrka bhala xhieda xi shab taz-zewg partijiet liema verzjoni kienet ittiehdet mis-surgent meta kien qed ihejji l-PIRS.

Ugwalment jinghad ghall-griehi subiti mill-parte civili wkoll ma gewx ippruvati li dawn kienu ikkagunati b'xi azzjoni tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat **Brian Pace** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minnhom stante li ma gewx ippruvati.

---

**Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**